# Fir-razzett

## l-alfabett Malti (paġna 2)

a, b, ċ, d, e, f, ġ, g, għ, h, ħ, i, ie, j, k, l, m, n, o, p, q, r, s, t, u, v, w, x, ż, z

Dawn huma l-ittri tal-alfabett Malti.

Iktibhom u għodd kemm hemm.

L-alfabett Malti magħmul minn **30 ittra**.

**6** minn dawn l-ittri nsejħulhom **vokali**.

**a, e, i, ie, o, u** – fejn l-ittra **ie** hija vokali waħda.

Biex niftakarhom iktar malajr nista' ngħidhom bil-kantaliena:

**a, e, i, o, u, ie**... **a, e, i, o, u, ie**... Flimkien: **a, e, i, o, u, ie**

L-24 ittra l-oħra nsejħulhom konsonanti. Fost dawn il-konsonanti nsibu l-għ u l-h li huma ittri bla ħoss.

## Il-pronomi dimostrattivi: dan, din, dawn (paġna 6)

Kemm huma tqal dawn iż-żewġ kelmiet! Imma vera faċli biex inkun naf xi jfissru. Dawn jirreferu għal kliem bħal: **dan**, **din** jew **dawn**.

Nuża l-kelma **dan** meta n-nom li nkun qed nuża jkun maskili, nuża **din** meta jkun femminili u nuża **dawn** meta jkolli ħafna jew meta nom ikun fil-plural.

Għalhekk meta jkolli nom maskil ngħid: **dan** tifel, **dan** kelb, **dan** razzett.

Nuża **din** ma' nomi bħal tifla, tiġieġa, vaska u ngħid **din** tifla, **din** tiġieġa u **din** vaska.

Nuża l-kelma **dawn** mal-plural: **dawn** tfal, **dawn** papri, **dawn** annimali.

Mela **dan**, **din** u **dawn** jissejħu **pronomi dimostrattivi**.

# Annimali salvaġġi

## L-artiklu (paġna 11)

Meta quddiem in-nom inpoġġi **l-** jew **il-**, dan jissejjaħ **artiklu**. Inpoġġi **il-** quddiem in-nomi li jibdew bil-konsonanti qamrin, bħal meta ngħid: il-kukkudrill, il-ġemel, il-pappagall.

Inpoġġi **l-** quddiem dak il-kliem li jibda bl-ittra **għ**, bl-ittra **h** jew kelma li tibda **bil-vokali**, bħal meta ngħid: **l-**għasfur, **l-**hena, **l-**ajkla, **l-**umbrella.

Quddiem kelma li tibda b'waħda mill-**konsonanti xemxin**, l-artiklu jinbidel u jsir bħal konsonanti tal-bidu tal-kelma, bħal meta ngħid: **iċ-**ċerva, **is-**serp, **ix-**xadina.

Niftakar li l-artiklu jieħu forom differenti u jitpoġġa quddiem in-nom.

## Il-plural: wieħed u ħafna (paġna 12)

In-nom jista' juri **wieħed** jew **ħafna**. Meta nom ikun wieħed jissejjaħ **singular** iżda meta nom juri ħafna jissejjaħ **plural**.

Pereżempju: **iljun** wieħed u ħafna **ljuni**; **kukkudrill** wieħed u ħafna **kukkudrilli**; **tigra** waħda u ħafna **tigri**; **xadina** waħda u ħafna **xadini**.

Kif qed tisma', il-plural jista' jieħu forom differenti.

### Pronomi dimostrattivi: dak, dik, dawk (paġna 13)

Meta nuża l-kliem **dak**, **dik** jew **dawk** quddiem in-nomi nkun qed nuża l-pronomi dimostrattivi.

Nuża l-kelma **dak** meta n-nom li nkun qed nuża jkun maskili:

**dak** tifel, **dak** ors, **dak** zokk.

Nuża **dik** meta n-nom ikun femminili: **dik** tifla, **dik** tigra u **dik** xmara.

Nuża l-kelma **dawk** mal-plural, **dawk** tfal, **dawk** xadini, **dawk** siġar.

Mela **dak**, **dik** u **dawk** jissejħu **pronomi dimostrattivi**.

### Konsonanti doppji (paġna 17)

Konsonanti doppja hija konsonanti li ssibha darbtejn wara xulxin f'kelma. Hawnhekk dik il-konsonanti trid tgħidha b'iktar qawwa.

Kif inkun naf jekk kelma għandhiex konsonanti doppja jew le?

Pereżempju, jiena ma ngħidx **animali**, iżda **annimali**. Qed inpoġġi iktar qawwa fuq l-ittra **n** – mela l-mod ta' kif ngħid il-kelma qed jurini li l-konsonanti **n** trid tkun doppja. L-istess meta ngħid **ġiraffa**, qed nagħmel enfasi fuq il-konsonanti **f** u għalhekk ma ngħidx **ġirafa**, iżda **ġiraffa**.

Tħallix kliem bħal **pappagall** u **kukkudrill** jidħqu bik, għaliex għandhom iktar minn konsonanti waħda li hija doppja!

### Kliem li jirrima (paġna 18)

bank**ina**, xad**ina**, pud**ina**, gallett**ina**...

Qed tinduna b'xi ħaġa jien u ngħid dawn il-kelmiet? Qisni nista' ngħidhom b'kantaliena... bank**ina**, xad**ina**, pud**ina**, gallett**ina**...

Dawn l-erba' kelmiet kollha jispiċċaw bl-istess ħoss **-ina.**

Isma' dawn: gall**etta**, ċapp**etta**, bank**etta**, brazzul**etta**...

Dawn l-erba' kelmiet kollha jispiċċaw bl-istess ħoss **-etta**,

għalhekk meta kliem jispiċċa bl-istess ħoss ngħidu li **jirrima**.

## Fil-baħar

### Il-prepożizzjonijiet (paġna 20)

Meta kelma turini fejn qiegħed oġġett jew persuna, dik il-kelma nsejħilha prepożizzjoni. Pereżempju:

L-arzella qiegħda **wara** l-ġebla. Il-kelma **wara** qed turi fejn qiegħda l-arzella.

Il-ħuta marret tgħum **ħdejn** il-ħaxix. Il-kelma **ħdejn** qed turi fejn marret il-ħuta.

Hemm ħafna iktar prepożizzjonijiet... ara jirnexxilekx issib oħrajn!

### Il-verbi (paġna 21)

Il-**verbi** huma kelmiet li juru azzjoni. Il-verb juri dak li qed nagħmel... **niekol**, **nimxi**, **naqbeż**, **nikteb**, u ħafna oħrajn.

**Il-granċ jiġri fuq il-blat.**

X'jagħmel il-granċ?

Il-granċ **jiġri**.

Mela l-kelma **jiġri** hija verb.

Tista' ssib xi verbi oħra? Staqsi lilek innifsek 'X'nagħmel jien?' Ikteb kemm tiflaħ verbi!

### L-ittri: għ u h (paġna 25)

L-ittri **għ** u **h** huma ittri li għandhom isem imma ma jagħmlux ħoss meta jkunu **fil-bidu ta' kelma** jew **meta jkunu f'nofs ta' kelma u ma jkunux** ħdejn **xulxin**. Tista' tismagħhom f'dan il-kliem? **għ**eneb, mag**ħ**na, **h**ena, de**h**eb. Le, m'għandhomx ħoss.

Imma meta jkunu fl-aħħar ta' xi kelma jew ħdejn xulxin, jieħdu ħoss ta' **ħ**. Eżempju, il-kelma ikra**h** – tispiċċa bl-**h** imma għandha ħoss ta' **ħ**.

## Fil-ġnien

### Il-plural miksur (paġna 31)

In-nom jista' juri **wieħed** jew **ħafna**.

Wieħed mill-forom tal-plural huwa fejn irrid inkisser il-kelma biex nuri li hemm ħafna, bħal meta ngħid **kelb wieħed** u **ħafna klieb**; **qattus wieħed** u **ħafna qtates**; **zokk wieħed** u **ħafna zkuk**. Il-kelma fis-singular mhux qed inħalliha sħiħa kif inhi imma ndawwar l-ittri biex nifforma kelma oħra fil-plural.

## Il-Milied

### L-aġġettiv (paġna 36)

L-**aġġettiv** jurina kif inhu l-oġġett.

Ħa nerġa'... L-**aġġettiv** jurina kif inhu l-oġġett.

L-**aġġettiv** hija l-kelma li tiddeskrivi n-nom.

Ġib quddiem għajnejk l-ixkora ta' Santa Klaws. Din kif tkun?

Xkora **kbira**, xkora **mimlija**, xkora **tqila**.

Mela l-kliem **kbira**, **mimlija** u **tqila** huma **aġġettivi**.

Issa immaġina mnieħer Rudolf, iċ-ċerva ta' Santa Klaws.

Tista' tiddeskrivi kif inhu mnieħru? Aħseb inti fl-aġġettivi.

Bl-aġġettivi nagħmel sentenzi iktar sbieħ.

## Il-karnival

### Is-sillabi (paġna 39)

Is-**sillabi** juruni kif naqsam il-kelma.

Kelma tinqasam skont in-numru ta' vokali li fiha.

Għalhekk jekk naqsam il-kelma '**karnival**', li fiha **3 vokali**-
**a** – **i** – **u**- naqsamha fi 3: **kar** – **ni** – **val**.

Meta naqsam il-kelma '**buffu**', din fiha **2 vokali** u **konsonanti doppja**, u għalhekk naqsamha fi

**2** u nifred il-konsonanti doppja: **buf** – **fu**.

Biex ngħin lili nnifsi ngħodd is-sillabi ta' kelma nista' nċapċaphom: **kos – tum**; **kar – ru**; **par – rok – ka**.

Tista' taqsam il-kliem li ġej f'sillabi?

**festa**, **perlini**, **prinjolata**

Kemm-il ċapċipa ċapċapt għal kull kelma?

## L-oppost (paġna 42)

Il-kelma **oppost** hija kelma oħra għal **kontra**.

Bertu kien jobdiha lil ommu, imma jifhem kollox bil-kontra.

Ommu qaltu, 'Bertu, mur ilbes il-qalziet l-iswed.'

Bertu mar u libes il-qalziet l-abjad.

Qaltlu, 'Kemm hu sabiħ il-qalziet li lbist!'

'Veru mamà, kemm hu ikrah dan il-qalziet!' (jgħidha bil-bikja).

Bertu beda jibki għalxejn għax kien fehem kollox bil-kontra.

## In-numri ordinali (paġna 44)

In-numri ordinali juru l-ordni li fihom ikunu l-affarijiet jew il-persuni.

Meta tistpiċċa xi tellieqa ngħidu, 'Lisa ġiet **l-ewwel'**, jew 'Luka ġie **l-ħames**'.

Għalhekk in-numri ordinali huma: **l-ewwel**, **it-tieni**, **it-tielet**, **ir-raba'**, **il-ħames**, **is-sitt**, **is-seba'**, **it-tmien**, **id-disa'**, **l-għaxar**... u tista' tkompli tgħodd kemm trid!

## Il-verbi fil-preżent (paġna 45)

Meta nagħmel xi ħaġa ta' kuljum, nuża l-**preżent**. Il-**verb** fil-**preżent** juri **dak li nagħmel issa jew ta' spiss**.

Dan isir billi nżidu **n**, **t**, jew **j** quddiem il-kmand singular u plural.

Jiena **n**imxi

Inti **t**imxi

Huwa **j**imxi

Hija **t**imxi

Aħna **n**imxu

Intom **t**imxu

Huma **j**imxu

Aħħħ... x'maratona din!

# L-ikel

## L-imperattiv (paġna 48)

L-**imperattiv** huwa meta nagħti ordni jew nikkmanda lil xi ħadd.

Il-kmand nużah biss ma' INTI u INTOM.

Biex inlesti x-xogħol tal-iskola, l-għalliema dejjem tgħidli, 'Nina, **ikteb** ħalli tlesti!' jew lil klassi kollha tgħidilna, 'Tfal, **iktbu** ħalli tlestu!'

U lili ommi spiss tikkmandani, '**A**ħsel il-platti... **Poġġi** l-ħwejjeġ posthom... **Aqra** ktieb fil-kwiet...'

Mela **aħsel**, **poġġi** u **aqra** huma verbi fl-imperattiv.

# Id-dar

## Nomi komuni u nomi proprji (paġna 56)

In-nomi jinqasmu fi tnejn:

In-**nomi komuni** huma dawk l-affarijiet li nista' nara, immiss, jew inħoss, bħal nies, postijiet, annimali, oġġetti, jew kunċetti. Dawn jibdew b'ittra żgħira, bħal: raġel, dar, kelb, xkupa, sħana, ferħ.

In-**nomi proprji** huma dawk in-nomi li jgħiduli l-isem ta' nies, annimali, postijiet, xhur tas-sena u oħrajn. In-nomi proprji jibdew b'ittra kapitali, bħal: **T**oni, **F**ido, **M**alta, **D**iċembru, il-Ħamis...

## Il-ġens: maskil u femminil (paġna 57)

In-nom jista' jkun **maskili** jew **femminili**.

**Maskil** ifisser **raġel** u **femminil** ifisser **mara.**

Ħafna drabi, meta kelma tkun fil-maskil tkun tispiċċa b'konsonanti jew bil-vokali **u**, u meta tkun fil-femminil tispiċċa bil-vokali **a**.

nann**u** u nann**a**

għallie**m** u għalliem**a**

kel**b** u kelb**a**

qattu**s** u qattus**a**

## In-negattiv (paġna 59)

In-negattiv juri xi ħaġa li **mhux vera** jew li **ma saritx**. Meta rrid inpoġġi verb fin-negattiv inżid **ma** qabel il-verb u ittra **x** f'tarfu, bħal meta ngħid 'Fido **ma kielx** l-ikel tiegħu' jew 'Missieri **ma sabx** iċ-ċavetta'.

Kiel – ma kielx

Sab – ma sabx

**Ma kielx** huwa n-negattiv ta' **kiel**.

**Ma sabx** huwa n-negattiv ta' **sab**.

## In-negattiv fl-imperattiv (paġna 60)

X'żewġ kelmiet diffiċli għandi quddiemi!

Imma **n-negattiv fl-imperattiv** ma huwa xejn ħlief meta nikkmanda lil xi ħadd biex ma jagħmilx xi ħaġa. Faċli le?!

Eżempju, in-nanna dejjem tgħidli, 'Tiġrix fit-taraġ!' **Tiġrix** huwa n-negattiv fl-imperattiv tal-verb **iġri**. Biex nikteb in-negattiv fl-imperattiv irrid inżid **t** quddiem il-verb u **x** fuq wara.

**Tiktibx**, **taħsilx**, **timxix**, **tilgħabx** u ħafna oħrajn huma eżempji li juru n-negattiv fl-imperattiv.

## Il-verbi fil-passat (paġna 62)

Meta rrid ngħid **x'għamilt ilbieraħ** jew il-ġimgħa l-oħra nuża l-**passat**. Mela l-passat jurini azzjoni li diġà saret jew li diġà għaddiet. Nistaqsi lili nnifsi 'X'għamilt ilbieraħ?' jew 'X'għamilt l-aħħar darba?'

Dawn huma xi eżempji:

Ilbieraħ Maria **kitbet** fuq il-pitazz.

X'għamlet Maria lbieraħ fuq il-pitazz?

Maria **kitbet** fuq il-pitazz.

Mela l-verb **kitbet** huwa l-verb fil-passat.

Il-ġimgħa l-oħra t-tfal **libsu** l-ħwejjeġ tax-xitwa.

X'għamlu t-tfal il-ġimgħa l-oħra?

It-tfal **libsu** l-ħwejjeġ tax-xitwa.

Mela l-verb **libsu** huwa l-verb fil-passat.

## L-interjezzjonijiet (paġna 63)

**Interjezzjonijiet** huma ħsejjes jew kelmiet li juru rabja, biża', sorpriża, eċitatment u ferħ, fost l-oħrajn.

**Brrr**... kemm hu bard!

Ħu ftit te... **aħħ**, kemm jaħraq!

**Uff**, xi sħana!

X'se nagħmlu issa? **Boqq**!

**Mmm...** xi jfuħ l-ikel!

**Emm...** x'kont se ngħid?

**Ajma,** x'uġigħ ta' żaqq!

**Xxx...** tagħmilx storbju!

Tista' ssib oħrajn?